**13 ta' Jannar, 1947.**

**Imħallef:**

**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija *versus* Karmnu Bugeja**

## Demenza — Interpretazzjoni Falza ta' l-Azzjonijiet ta' Ħadd Ieħor.

*F'materja ta' demenza allegata kontra l-imputat, meta jirriżulta illi dana jkun jirreagixxi bħala konsegwenza ta' interpretazzjoni falza ta' l-azzjonijiet ta' ħadd ieħor minħabba elaborazzjoni delużjonali f'moħħu, huwa l-każ li jingħad li huwa affett minn psikosi. Xejn ma jfisser li f'mumenti oħra huwa jiddiporta ruħu normalment.*

*Fil-każ ġie ritenut illi d-delużjonijiet, ossija perċezzjonijiet foloz ta' l-imputat, ma ħallewlux il-padrunanza tiegħu nnifsu b'mod li hu seta' jikkonoxxi l-falsità tal-perċezzjoni u jikkoreġġiha, imma tellfuh il-poter tal-korrezzjoni, li jekwivali għat-telfa tas-sens ta' l-individwalità proprja—perċezzjonijiet li saru bħal ferment psikiku li jġib diżintegrazzjoni tal-personalità. U għalhekk l-eċċezzjoni tad-demenza ġiet akkolta.*

Dan hu appell ta' l-imputat minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-20 ta' Novembru 1946, li biha l-imsemmi Bugeja ġie dikjarat dementi tant dak in-nhar

tal-fatt, kemm waqt il-ġudizzju, u ġie rimess taħt kustodja rigoruża fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ;

Trattat dan l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

L-eċċezzjoni tad-difiża, illi l-azzjoni relativa għall-imputazzjoni hi preskritta, ġiet ritirata, u għalhekk ma hemmx lok ta' ebda pronunzja fuqha;

Kwantu għall-istat mentali ta' l-imputat, dina l-Qorti eżaminat id-depożizzjonijiet li hemm fl-inkartament u r-relazzjoni tal-perit aljenista, li ġie għall-konklużjoni illi l-imputat ma għandux jiġi ritenut responsabbli quddiem il-liġi, la dak in-nhar tal-fatt u lanqas waqt il-ġudizzju, għaliex affett minn "ischizophrenia";

Id-difensur, Dr. Flores, issottometta illi l-fattijiet kostitwenti l-anamnesi personali tal-perizjat ma humiex ħlief reazzjoni, più o meno mantenuta fil-limiti tan-normalità, għal l-azzjonijiet ta' ħadd ieħor. Iżda l-kumpless tal-provi juri illi r-reazzjoni tal-perizjat kienet konsegwenza ta' interpretazzjoni falza ta' l-azzjonijiet ta' l-oħrajn minħabba elaborazzjoni delużjonali f'moħħu, u f'dan is-sens tikkostitwixxi indubbjament psikosi;

Jekk f'mumenti oħra l-appellant iddiporta ruħu normalment, dan ma jfisser xejn; għaliex kif qal fi żmenijiet antiki l-mediko-leġista Zacchia (Quaest. med. leg. 1, II, tit. I, Quaest. III, n. 20, p. 107. ediz. veneta 1737) :— "Non omnes dementes circa omnia errare". U osserva tajjeb iz-Ziino (Vol. I, p. 332, Med. Leg. e Giurisp. Medica), "non tutti i pazzi, perchè sieno ritenuti tali, è necessario che vaneggino nel modo esaltato e scomposto dei maniaci, e che il disturbo si estenda a tutte o a quasi tutte le attività psichiche........" Id-delużjonijiet, ossija perċezzjonijiet foloz, ta' l-appellant, ma ħallewlux il-padrunanza tiegħu nnifsu b'mod li hu seta' jirrikonoxxi l-falsità tal-perċezzjoni u jikkoreġiha, imma tellfuh il-poter tal-korrezzjoni, li jekwivali għat-telfa tas-sens ta' l-individwalità proprja. Dawk il-perċezzjonijiet foloz saru, kif jesprimi ruħu l-mediko-leġista tedesk Schule, bħal "ferment psikiku", li jattakka u jiddekomponi l-"ego", ossija jġib diżintegrazzjoni tal-personalità;

Il-Qorti, wara li rriflettiet fuq il-provi u r-raġunamenti tal-perit aljenista adoperat mill-Maġistrat, u wara li studjat

dak li jgħidu l-psikjatri f'testi minnhom miktuba dwar il-marda mentali msemmija fir-relazzjoni, ma ssibx raġuni biex titbiegħed mill-konklużjonijiet li għalihom wasal l-istess perit;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell, tikkonferma l-ordni magħmul mill-Maġistrat, kompriża l-kommunika tiegħu, skond il-liġi, lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur.